MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Numru. 320/2007

Il- Pulzija
(Spettur Angelo Gafa)

-vs-

Simon Cassar

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

Simon Cassar ta' 28 sena, bin Maria Dolores Nee' Cassar, imwieled Attard fit-8 ta' Marzu, 1979 u residenti f'143, Flat 3, Triq il-Punent, Valletta / 25, Harm Reduction Shelter (Caritas), Pjazza Robert Sammut, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 157379(M).

Talli:

Fil-15 ta' Marzu 2004, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) ghad-dannu ta' Alexander Mifsud u Marisa Galea u/jew HSBC Bank Malta plc;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' cekk ta' l-HSBC bin-numru 118 mahrug fuq kont bankarju 39098512001, bi hsara ta' Alexander Mifsud u Marisa Galea, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

U aktar talli b'hekk sar recediv ai terminu ta' l-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 19 ta' Novembru, 2002 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in- nota ta' l-Avukat Generali u l-kunsens ta'l-imputat.

Rat x-xhieda u d-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 49, 50, 183, 184, 261(d)(g), 268, 271, 281, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f'l-udjenza tal-21 ta' Mejju 2007 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jigu konsiderati.

Illi jirrizulta mill-atti li l-imputat ilu mis-sena 2001 bi problemi relatati ma'l-abbuz tad-droga. Jidher ukoll mill-fedina penali tieghu li kien propju f'perjodu tat-tlett snin sussegwenti, u cioe bejn is-sena 2002 u 2005, li l-imputat ikkommetta xi reati. L-imputazzjonijiet odjerni fil-fatt jirreferu ghall-fatti li graw f' Marzu 2004.

Illi pero' jirrizulta li l-imputat issa qieghed b'mod konkret jipprova jirriabilta ruhu, tant li ilu tlett xhur residenti fil-*harm reduction unit* tal-*Caritas* bi prospetti tajba li fi zmien qasir jibda programm mal-*Caritas* stess. Jidher ukoll li dawn l-ahhar tlett xhur dejjem irrizulta negattiv ghat-testijiet tad-droga (ref xhieda ta' Carmel Cremona a fol 21).

Illi jirrizulta ukoll li l-imputat beda jhallas xi haga mill-ammonti dovuta lill-*parte civile*.

Illi tenut kont ta' dawn il-fatturi kif ukoll l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammont ta' flus mehuda mill-kont tal-*parte civile*, din il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata l-opportunita li jkompli bil-programm ta' riabilitazzjoni mal-

*Caritas* b’tama li jehles definittivament mill-problema tad-droga.

Illi konsegwentement il-Qorti tikkonsidra li ordni ta’ *probation* fil-konfront ta’ l-imputat huwa aktar indikat fic-cirkostanzi prezenti, b’kundizzjoni pero li l-imputat jkompli jsegwi sa tmiemu il-programm ta’ riabilitazzjoni mal-Caritas u li joqghod ghall-ordnijet li jghatuh mhux biss l-ufficcjal tal-*probation* imma anke d-dirigenti tal-programm li ghandu jsegwi. In oltre l-imputat ghandu jhallas il-bilanc ta’ mija u ghoxrin lira (Lm120) lill-*parte civile* f’pagamenti mensili ta’ ghoxrin lira (Lm20); l-ewwel pagament jsir fil-25 ta’ Gunju 2007.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 183, 184, 261(d)(g), 268, 271, 281, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ *probation* ghal tlett (3) snin taht il-kundizzjonijiet li huma elenkati f’l-istess ordni. Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ tlett snin u jekk ma jsegwiex l-ordnijiet imposti fuqu.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza ta’l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------